

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000103/2013**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Véronique De Keyser, Libor Rouček, Ana Gomes, María Muñiz De Urquiza, Knut Fleckenstein, Michael Cashman, Sergio Gutiérrez Prieto**

f'isem il-Grupp S&D

Suġġett: L-istat ta' dritt u l-jeddijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari fir-rigward tal-ksenofobija u l-omofobija

Il-Parlament Ewropew jibqa' impenjat li japprofondixxi u jiżviluppa ulterjorment ir-relazzjonijiet mar-Russja abbażi ta' impenn reċiproku kondiviż għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-jeddijiet tal-bniedem. Madankollu, hu tassew ta' tħassib kbir in-nuqqas kulma jmur akbar ta' rispett, min-naħa tar-Russja, għal dawn il-prinċipji ewlenin.

Mind u għew adottati diversi liġijiet li jirrestrinġu l-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, partikolarment il-liġi tal-'aġenti barranin' u liġijiet federali u reġjonali 'kontra l-propoganda', diversi organizzazzjonijiet irrappurtaw żieda fl-attakki ksenofobiċi u omofobiċi vjolenti. Dehru diversi mijiet ta' vidjos onlajn ta' vjolenza mingħajr tifsira li juru gruppi ultra nazzjonalisti jsawtu u jittorturaw individwi LGBT (inklużi żgħażaġħ), migranti u minoranzi etniċi. Diversi gruppi poġġew vidjos xokkanti ta' umiljazzjoni intensa, swat u tortura fuq siti tal-midja soċjali Russi.

L-NGOs Russi li jimmonitorjaw dawn il-vjolazzjonijiet gravi issa qed jissograw li jiġu żarmati. L-NGOs u l-attivisti ċivili u politiċi li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, żgħażaġħ, minoranzi etniċi, migranti u persuni LGBT huma intimidati u mhedda minn gruppi ta' viġilanza u l-pulizija. Jeżistu provi biżżejjed ta' proċessi kriminali inġusti li fihom organizzazzjonijiet bħas-'Side-by-Side LGBT Film Festival', ingħataw multa u kienu mġiegħla jagħlqu. L-organizzazzjoni 'Coming Out Saint Petersburg' għet immultata l-ammont massimu skont il-liġi 'aġenti barranin' qabel ma s-sentenza għet annullata minn qorti oġhla, iżda t-treddida ta' spezzjonijiet mill-pulizija għadha teżisti. Organizzazzjonijiet oħra ma jistgħux joperaw jekk ma jiddikjarawx lilhom infushom bħala 'aġenti barranin', u b'hekk isiru suġġetti għall-invalidità tal-obbligi legali.

X'għamlet il-Kummissjoni sabiex tagħti segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar l-istat tad-dritt fir-Russja?

B'liema mod tqajmu dawn il-kwistjonijiet mal-mexxejja Russi fis-Samit UE-Russja li sar f'Ġunju 2013 f'Yekaterinburg, u waqt is-Samit G20 ta' Ġunju f'San Pietruburgu?

Il-Kummissjoni kif se tkompli tqajjem it-tħassib tal-NGOs b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fir-Russja?

Imressqa: 2.10.2013

Mgħoddija: 4.10.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 11.10.2013